Nru./No. 20,947
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022
Monday, 24th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 14,629
Proclamation by the President of Malta *14,629*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 14,630
Government Notices *14,630*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,631 - 14,632
Court Notices ..... *14,631 - 14,632*

ANNO DOMINI 2022 NRU. X

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE VELLA
President

BILLI bis-saħħa tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li diġà hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dakinhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2023 u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Ministru għall-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 24 ta' Ottubru, 2022.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2022 NO. X

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE VELLA
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement Budget measures for the Financial Year 2023 and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Minister for Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at Sant'Anton Palace, this 24th day of October, 2022.

By Authority,

(Sd.) ROBERT ABELA
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1457

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

L-24 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1458

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 2022, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1430 tad-19 ta' Ottubru, 2022, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-21 ta' Ottubru, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 1459

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Live the Language Board

NGĦARRFU għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni approva l-ħatra tal-Live the Language Board, għal periodu ta' tliet snin b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2022 sal-21 ta' Ottubru, 2025, kif ġej:

Chairperson
Il-Prof. Mark Borg

Membri
Dott. Maria Brown
Is-Sa Juliana Borg
Is-Sa Sandra Ebejer

L-24 ta' Ottubru, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1457

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Monday, 24th October, 2022.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

24th October, 2022

No. 1458

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 21st October, 2022, and that the arrangements made by Government Notice No. 1430 of the 19th October, 2022, ceased to have effect accordingly.

21st October, 2022

No. 1459

MINISTER FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Live the Language Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation has approved the appointment of the Live the Language Board valid for the period of 3 years, from 22nd October, 2022 till 21st October, 2025, as follows:

Chairperson
Prof. Mark Borg

Members
Dr Maria Brown
Ms Juliana Borg
Ms Sandra Ebejer

24th October, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1879

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Ashling Kiernan (KI 533815L) ippreżentat rikors ġuramentat (numru 211/2022 AGV) fejn talbet il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Noah Thomas Kiernan (KI 464212L) fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 24 ta' Ottubru, 2022

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Ashling Kiernan (ID 533815L) filed an application under oath (number 211/22 AGV) demanding corrections in the Act of Birth of Noah Thomas Kiernan (ID 464212L) in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 24th October, 2022

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1880

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Novembru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 67/2021RGM, li ġie ppreżentat fis-27 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet: Alsameta Ltd vs Mensija Real Estate Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-31 ta' Jannar, 2023, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Mensija Real Estate, 14, Triq Salvu Gatt, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ottubru, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 4th November, 2021, in the acts of the Sworn Application number 67/2021RGM, which was presented on 27th January, 2021, in the names: Alsameta Ltd vs Mensija Real Estate Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: It orders the defendant society to pay the plaintiff society the amount thus liquidated. With the costs, and interests against the defendant society which is now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 31st January, 2023, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Mensia Real Estate, 14, Triq Salvu Gatt, San Gwann

Register of the Superior Courts, today 24th October, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1881

B'digriet tas-16 ta' Settembru, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Abigail Seisun ġja Farrugia (KI 282782M) fil-25 ta' Jannar, 2022, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta'sittax-il elf, tmien mija, u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€16,830.87) rappreżentanti sehemha mix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwist, depożitati b'ċedoli ta' depożitu numru 116/16, 117/16 u 88/19 fl-ismijiet:

Abigail Farrugia (KI 282782M) vs Aaron Farrugia (KI 322182M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of the 16th September, 2022, given by the Civil Courts (Family Section), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Abigail Seisun gia Farrugia (ID 282782M) on the 25th January, 2022, is asking for the withdrawal of the amount of sixteen thousand, eight hundred and thirty euro and eighty seven cent (€16,830.87) representing her share from the dissolution and liquidation of the community of acquests, deposited by the Schedule of Deposits number 116/16, 117/16 and 88/19 in the names of:

Abigail Farrugia (ID 282782M) vs Aaron Farrugia (ID 322182M)

The Court ordered the notification to the respondent with one week for filing a reply.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today Friday, 21st October, 2022

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1882

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ottubru, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'J&J Boatyard garaxx numru ħamsa u ħamsin (55), fil-limiti ta' Għadmija, l-Imqabba, tal-vetturi hawn taħt deskritti maqbuda mingħand Construction Engineering Ltd bin-numru tar-reġistrazzjoni numru C8063.

Vettura tal-għamla Isuzu Elf ta' kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni numru FCN 596;

u

Vettura tal-għamla Citreon Berlingo ta' kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni numru FCN 271.

N.B. Dawn il-vetturi ser jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 9/22.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th October, 2022 on the application of J. Zammit Limited C37945, Wednesday, 07th December 2022 at eleven in the morning (11:00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held in J&J Boatyard, garage number fifty five (55) limits of Għadmija, Mqabba, of the following vehicles seized from the property of Construction Engineering Limited with the registration number C80638.

Vehicle of the make Isuzu Elf white in colour with the registration number FCN 596;

and

Vehicle of the make Citreon Berlingo white in colour with the registration number FCN 271.

N.B. The said vehicles will be sold as described in the acts of judicial sale file number 9/22.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 24th October, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603